MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 3/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 293553(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-12 ta' Mejju, 2010 ghall-habta ta' 18.44 hrs fi Triq Hal-Far, Zurrieq

1. saq vettura numru CRX 028 tal-marka 'Honda' waqt li kien fi zmien ta' sospensjoni jew skwalifika tal-licenzja tas-sewqan b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) datata 19 ta' Frar, 2010;
2. saq vettura numru CRX 028 tal-marka 'Honda' minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta;

3. u aktar hu sar recediv b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) datata 19 ta' Frar, 2010, liema sentenza saret definittiva.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Dicembru, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu piena ta' priġunerija ta' xahar.

Il-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 15 tal-Kap. 9 skwalifikat lill-appellant ghal zmien xahar milli japplika ghall-licenzja tas-sewqan.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' Dicembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minnha u fin-nuqqas timponi sentenza aktar ekwa u gusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti peress li m'hemmx evidenza li l-appellant kien qed isuq il-vettura hawn fuq imsemmija.

Illi minghajr pregudizzju hawn fuq imsemmija s-sentenza mhix ekwa w gusta.

Ikkonsidrat

Illi l-Avukat Ġenerali ssottometta li l-appella huwa null a tenur tal-artikolu 419(1)(a) tal-Kap 9 minħabba li ma fihx il-fatti fil-qosor.

Il-Qorti l-ewwel eżaminat dan l-aggravju.

Ir-rikorrent jgħid hekk dwar il-fatti:

'Illi fil-ġurnata hawn fuq imsemmi kien hemm rapport li l-appellant kien qed isuq.'

Waqt illi l-fatti għandhom ikunu fil-qosor, f'dan il-każ żgur li setgħu kellhom imqar dettall jew tnejn oħrajn.

Fil-fehma tal-Qorti din is-sentenza waħidha mhix biżżejjed biex tissodisfa l-artikolu 419(1)(a) tal-Kap 9. Għalhekk qed tilqa' l-aggravju tal-Avukat Ġenerali.

Biss il-Qorti xorta eżaminat il-mertu. L-ewwelnett ir-rikorrent jagħti dettalji parzjalment ħżiena dwar is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2012 (fol 68) għax waqt li din is-sentenza tassew ikkundannat lill-appellant għal xahar priġunerija hija ma kkundannatux iħallas multa ta' €200 u lanqas ma skwalfikat lill-imputat milli japplika għal-liċenzja tas-sewqan għal żmien tliet xhur għaliex tali skwalifika hija għal xahar biss.

Barra dan fil-proċess hemm ammissjoni tal-appellant (fol 57). U skont ix-xhieda tar-rappreżentant tal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta l-liċenzji kollha tas-sewqan tal-appellant kienu revokati mill-Kummissarju tal-Pulizija fis-27 ta' Lulju 2000. Għalhekk hu kien qed isuq mingħajr liċenzja tas-sewqan. Permezz tas-sentenza datata 19 ta' Frar 2010 esibita a fol 5, l-appellant kien sospiż milli jkollu liċenzja tas-sewqan ta' sentejn jiġifieri sal-20 ta' Frar 2012. Huwa kien qed isuq fit-12 ta' Mejju 2010 u għalhekk, billi s-sentejn kienu għadhom m'għaddewx, jirriżulta li kien qed isuq meta huwa kien skwalifikat milli jsuq.

Il-piena nflitta hija fil-parametri tal-Liġi kif jidher minn analiżi akkurata tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap 65.

L-appellant ammetta wkoll li huwa reċidiv.

Għaldaqstant, waqt li l-Qorti qed tiddikjara li m'hemm xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-21 ta' Diċembru 2011

Il-Qorti għalhekk qed tqis dan l-appell bħala null u konsegwentement qed tikkonferma s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011 fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------